VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,916, 18 ta' Mejju, 2012*
*Taqsima D*

**K.L.B.L 45/02/2012**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
## (KAP. 363)

## *Bye-Laws* tal-2012 dwar il-Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Paola)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Paola għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.1** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2012 dwar il-Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Paola).

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta

Tifsir.

**2.** F'dan il-Bye-Laws, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx meħtieġ xort'oħra:

Kap. 363.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"ħamiem domestiku" tfisser ħamiem li jkun miżmum f'post ta' abitazzjoni jew xi post ieħor għal skop ta' rikreazzjoni, passatemp jew sport;

"ħamiem selvaġġ" tfisser ħamiem li ma jkunx ħamiem domestiku;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Paola;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta Paola.

Mhux permess li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

**3.1** F'kull parti tal-lokalità hu projbit li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

3.2 Hu projbit ukoll li persuna thalli, b'mod volontarju, ikel f'postijiet aċċessibli għal ħamiem selvaġġ.

3.3 Id-disposizzjonijiet ta' dan l-ordinament ma japplikawx għal dawk il-persuni li jrabbu jew jieħdu ħsieb ħamiem domestiku.

Proprjeta` immobli abbandunata.

**4.** Il-proprjetarji ta' proprjetà immobbli ġewwa l-lokalità li ma tkunx abitata, għandhom jiżguraw li l-imsemmija proprjetà tkun imbarrata b'tali mod li ma' jkunx jista' jidħol jew ibejjet ħamiem selvaġġ fiha.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Penali.

**5.1** Kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn l-ordinamenti tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u teħel, meta tinsab ħatja, u sakemm ma tkunx tapplika piena ogħla taħt xi liġi oħra:

5.1.1 għall-ewwel kontravvenzjoni, ammenda ta' sitta u erbgħin euro (€46);

5.1.2 għat-tieni kontravvenzjoni jew kull kontravvenzjoni li tiġi wara, ammenda ta' sebgħin euro (€70); u

5.1.3 f'każ ta' kontravvenzjoni kontinwata, ammenda ta' tnax-il euro (€12) għal kull jum li matulu tkompli l-kontravvenzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.C.B.L 45/02/2012**

## LOCAL COUNCILS ACT
## (CAP. 363)

### Control of Pigeons (Paola Local Council) Bye-Laws, 2012

IN exercise of the powers conferred by article 34 of the Local Councils Act, the Paola Local Council has made the following Bye-Laws:-

Citation and commencement.

**1.1** The title of the Bye-Laws is the Control of Pigeons (Paola Local Council) Bye-Laws, 2012.

1.2 These Bye-Laws shall come into force one month after their publication in the Gazette.

Interpretation.

**2.** In these Bye-Laws unless the context otherwise requires:

"the Act" means the Local Councils Act; Cap. 363.

"the Council" means the Paola Local Council;

"domestic pigeons" means pigeons which are kept in a residential place or in some other place for the purpose of recreation, hobby or sport;

"locality" means the Paola locality as shown in the Second Schedule to the Act;

"wild pigeons" means pigeons which are not domestic pigeons.

The feeding of wild pigeons by any person is prohibited.

**3.1** The feeding of wild pigeons in any part of the locality is prohibited.

3.2 It is also prohibited for any person to, voluntarily, leave food in places which are accessible to wild pigeons.

3.3 The provisions of this bye-law do not apply to those persons who keep or take care of domestic pigeons.

Abandoned immovable property.

**4.** The owners of immovable property situated within the locality and which is abandoned shall ensure that the said property be sealed in such a manner that no pigeons can go in or make their nest therein.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Penalty.

**5.1** Any person who fails to comply with any of the provisions of these Bye-Laws shall be deemed to have committed a contravention, and shall, on conviction, be liable, unless a higher penalty is applicable under any other law:

5.1.1 for a first contravention, to a fine (*ammenda*) of forty-six euro (€46);

5.1.2 for a second or subsequent contravention, to a fine (*ammenda*) of seventy euro (€70); and

5.1.3 in the case of a continuing contravention, to a fine (*ammenda*) of twelve euro (€12) for each day that the contravention continues.

---

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**